KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# Rapport Amministrattiv

## Jannar – Diċembru 2020

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

# Table of Contents

Introduzzjoni mis-Sindku ........ 3

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ........ 5

L-amministrazzjoni ........ 5

Ilmenti ........ 9

Allokazzjoni finanzjarja ........ 11

Skemi ........ 12

Miżuri b'fondi tal-UE ........ 13

Miżuri b'fondi tal-UE taħt Gal Majjistral ........ 13

Korsijiet u attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku ........ 14

Investiment f'attivitajiet kulturali, u soċjali ........ 14

Għajnuna lill-għaqdiet lokali ........ 15

Proġetti ........ 15

- Infrastruttura ........ 15
- Ħidma b'risq il-patrimonju ........ 15
- Park f'Għar Lapsi ........ 16
- Proġett komunitarju fiż-żona ta' Ramija ........ 16
- Ambjent ........ 17

Kuntatt mar-residenti ........ 18

Proġetti tal-futur ........ 19

- Spazji miftuħa għal familja ........ 19
- Proġett Night Shelter għall-Anzjani ........ 19
- Investiment fl-Infrastruttura u t-toroq tagħna ........ 20
- Titjib fil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi ........ 20

Rapporti tal-Kunsilliera għal ħidma matul is-sena 2020 ........ 21

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI

## Introduzzjoni mis-Sindku

Is-sena 2020 mingħajr dubju kienet sena ta' sfidi partikolari hekk kif mhux biss pajjiżna biss, iżda l-komunita' internazzjonali kollha kella u għada qeda taffaċja sitwazzjonijiet diffiċli li ġġi magħha pandemija li għadna qegħdin nesperjenzaw. Minkejja dan kollu bħala Kunsill Lokali Siġġiewi minkejja dawn iċ-ċirkostanzi diffiċli l għaddejjin minnhom irnexxielna nkomplu niffukaw u naħdmu b'mod effettiv fuq il-programm ta' ħidma li għandna quddiemna u fuq numru ta' inizjattivi u proġetti li qegħdin naħdmu fuqhom fil-preżent.

Fuq livell personali din kienet ukoll għalija sena importanti u ta' bidliet fl-rwol tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali is-Siġġiewi, hekk kif f'Lulju 2020 rċevejt l-inkarigu ta' Sindku tas-Siġġiewi wara li f'dawn l-aħħar ħames snin servejt bħala Kunsillier fi ħdan l-istess Kunsill. Minn hawn nixtieq nieħu l-okkazzjoni sabiex nirringrazzja lil Dott. Kurstein Sant, il-predeċessur tiegħi għal ħidma li hu wettaq f'din l-aħħar sena tiegħu fil-kariga ta' Sindku.

Hekk kif ħadt l-inkarigu ta' Sindku f'Lulju li għadda kelli diskussjoni ma' kull Kunsillier fi ħdan il-kunsill fejn ġie diskuss l-rwol tagħhom fi ħdan l-istess Kunsill u lkoll qbilna fuq dekasteri ġodda li l-Kunsilliera preżenti qegħdin jaħdmu fuqhom b'kollaborazzjoni bejnietna u b'sinerġija mal-programm ta' ħidma li l-Kunsill għandu quddiemu fi żmien li ġej.

Fix-xhur tas-sajf indirizzajna l-problemi li kien hemm sabiex jinfetaħ il-playingfield ġdid u lattrina ġdida f'Għar Lapsi u li din ġiet miftuħa b'mod uffiċjali fl-aħħar ġimgħa t'Awissu fejn illum dawk kollha li jiffrekwentaw il-Bajja ta' Għar Lapsi jistgħu igawdu minn dan l-ispazju miftuħ ġdid. Komplejna mbagħad bl-ippjanar ta' proġetti li fil-preżent qegħdin naħdmu fuqhom fosthom dawk ta' spazzji miftuħa ġodda quddiem il-Kappella ta' San Niklaw, proġett li għandu jkun sit ieħor fejn il-familji u residenti Siġġiwin jistu jqattu ftit ħin ta' kwalita f'dan il-post naturali. Proġett ieħor ta' spazzju mfituħ hu dak fi Triq Salvu Borg Olivier fejn minn żona dilapidata qegħdin nippjanaw li nittrasfromaw dan is-sit f'proġett mill-isbaħ u nnovattiv. Dan il-proġett se jaddotta l-mudell ta' Family Park fejn f'dan l-spazju miftuħ se nipprovu numru ta' faċiltiajiet, fosthom running track, skate park, Dog park u Cat Sanctuary, li se jkunu amalgamati kollha f'dan l-istess proġett

Matul l-aħħar xhur komplejna wkoll bl-impenn tagħna sabiex jibdew x-xogħolijiet fuq il-proġett tan-Night Shelter għal anzjani ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi, ċentru li għandu jservi ta' kenn għall-anzjani fir-raħal tagħna sabiex isibu wens flimkien ma' anzjani oħra mir-raħal tagħna f'dan iċ-ċentru ġdid u li għandhom jgħollu l-livell ta' ħajja tal-anzjani tagħna, kif għandu jkun.

Bdejna wkoll numru ta' diskussjoniiet u preparamenti internament sabiex inniedu proċess ta' konsultazzjoni dwar proġett ġdid ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola fis-Siġġiewi. Din hi Pjazza tant għal qalbna li tinsab eżatt fil-qalb tar-raħal tagħna. Wasal iż-żmien li ninbarkaw fuq proġett ambizzjuż ta' riġenerazzjoni ta' din il-pjazza fejn irridu nassiguraw li jkollna pjazza estetikament isbaħ u aktar sigura'.

Dan se jkun qiegħed jsir fuq kollox b'konsultazzjoni wiesa maċ-ċittadini u l-familji kollha Siġġwin. F'din l-aħħar sena spikkat ukoll il-ħdima li qed nwettqu b'risq il-patrimonju Siġġiewi u dan b'kollaborazzjoni ma' numru ta' Siġġwin li għandhom għal qalbhom il-patrimonju ta' raħalna u fuq kollox mal-Għaqda Patrimonju Siġġiewi, mmexxija mir-Reverendu Dun Nikol Aquilina.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

Infatti fl-aħħar xhur irrestwrajna tliet monumenti f'ġieħ personaġġi Siġġiwin li huma dak ta' Patri Ġuże' Delia, Karmenu Vassallo u dak ta'Pawlu Aquilina. Il-pjan għas-sena id-dieħla hu li nkomplu b'dan il- proċess ta' restawr fuq monumenti u siti oħra ta' patrimonju Siġġiewi, fosthom ukoll restawr tal- istatwi li jinsabu mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja fis-Siġġiewi. Aktar minn hekk ġiet il-Kunsill nieda skema ta' restawr għal niċeċ privati li nsibu fis-Siġġiewi sabiex dawn jiġu rrestawrati u li jiġu identifkati niċeċ oħra fis-Siġġiewi li ilhom għal snin mitluqa u f'bżonn urġenti ta' restawr.

Impenjajna ruħna ukoll sabiex inkomplu ntejjbu il-livell ta' sigurta' fit-toroq tal-lokalita' tagħna filwaqt li nimmodernizzaw l-infrastruttura li għandna. Ġie mfassal pjan li jidentifika iż-żoni li fihom kien hemm bżonn ta' arranġamenti ta' kif jiċċirkola it-traffiku fir-raħal. Bdejna bi Triq Nikola Zammit fejn wara li sar proċess ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-istess triq u tal-madwar, ġie introdott b'mod gradwali pjan ġdid ta' immaniġjar tat-traffiku f'din it-triq sabiex nsolvu l-problemi ta' konġestjonijiet tat-traffiku li kien qed ikollna f'din iż-żona. Il-pjan f'dan ir-rigward hu mifrux mar-raħal kollu u huwa intiż sabiex jidentifka żoni oħra fejn għanda bżonn nintervjenu u li se jiġi implimentat fi żmien li ġej.

Flimkien mal-entitajiet Governattivi bħal Transport Malta u Infrastructure Malta qegħdin niddiksutu interventi li hemm bżonn f'diversi toroq li għanda bżonn ta' titjib fl-istat tagħhom. Fosthom hemm il-kumplament ta' triq ta' Għar Lapsi fejn fl-ewwel ġimgħat ta' Jannar se tkompli għaddejja l-ħidma f'din it-triq filwaqt li qegħdin jiġu identifikati toroq oħra li għandhom jiġu rranġati. Introduċejna miżuri ta' sigurta' fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi (Bypass) fejn introduċejna *speed-calming measures* sabiex inżidu mal-livell ta' sigruta' li kien hemm bżonn f'din it-triq filwaqt li komplejna ninvestu f'aktar sinjali tat-traffiku ġodda intizi sabiex noħolqu infrastruttura aktar sigura.

Kif jista wieħed jimmaġina l-Kunsill Lokali Siġġiewi kellu sena oħra impenjattiva u pożittiva intiża sabiex inkomplu ntejjbu il-livell t'għixien tas-Siġġiwin u ta' dawk kollha li jirrisjedu fir-raħal tagħna.

Ħidma li flimkien ma' sħabi l-Kunsillieri u l-istaff tal-Kunsill se nkomplu nwettqu sabiex nassiguraw Siġġiewi isbaħ u aktar b'saħħtu, mhux biss għalina iżda ukoll għall-ġenerezzjonijiet futuri li hemm quddiemna.

Tislijiet,

**Dominic Grech**
***Sindku***
***Kunsill Lokali is-Siġġiewi***

## Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, Citta' Ferdinand, belt b'popolazzjoni li llum il-ġurnata qabżet it- 8500 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita', huwa magħmul minn seba' Kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu tas-Siġġewi. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' erba' impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju. Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Bħalissa l-Kunsill għandu erbgħa ħaddiema assenjati minn skemi ta' RSSL (2) u CWS (2) biex jgħinu fl-operat ta' kuljum, kemm fix-xogħol tal-uffiċċju u anka xogħol ta' manutenzjoni ġenerali.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi huwa kompost minn 7 Kunsilliera. Mill-1 ta' Jannar 2020 sal-21 ta' Lulju 2021, Dr. Kurstein Sant kien jokkupa l-kariga ta' Sindku, fejn f'Seduta 394 b'Urġenza, huwa ta' r-riżenjenja tiegħu u ġie maħtur Dominic Grech biex jokkupa din il-kariga.

- Dr. Kurstein N. Sant (Sindku bejn l-1/1/2020-21/7/2020)
- Rodianne Haber (Viċi-Sindku)
- Dr. Alessia Psaila Zammit
- Julian Borg
- Dominic Grech (Sindku mill-21/7/2020 sal-lum)
- Adrian Farrugia
- Francine Farrugia

Segretarju Eżekuttiv: Is-Sra. Ritienne Giorgino

Minkejja li kien hemm bidla fil-kariga tas-Sindku, l-Amministrazzjoni mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv (Kap Amministrattiv, Eżekuttiv u Finanzjarju), tassigura kontinwita' f'dak li huwa xogħol, u tassigura li x-xogħlijiet u servizzi lir-residenti tal-lokal jibqgħu addejjin mingħajr xkiel.

## L-amministrazzjoni

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi hija magħmula hekk:

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv: | Ms. Ritienne Giorgino |
| Impjegati klerikali: | Ms. Maria Muscat (Assistent Prinċipal), |
| | Ms. Martina Galea (Uffiċjal Eżekuttiv) |
| | u Ms. Dorianne Gerada (ħaddiema assenjata skema RSSL) |

Ms. Maria Muscat ġiet konfermata Deputat Segretarju Eżekuttiv skond Artiklu 50 tal-Att dwar il-gvern Loklali (Art 363) u regolament 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20 (Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani).

Din is-sena l-istaff attenda diversi korsijiet dwar data protection, taħriġ fil-customer care, EU funding, Emotional Intelligence at work, u anka taħriġ għal kwalifika fl-ECDL.

Mill-1 ta' Jannar sat-3 t'Awissu 2020, il-Kunsilliera komplew bir-responsabiltajiet tagħhom, skond l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363), taħt it-12 -il Skeda, li kienu kif jidhru hawn taħt u kif kienu assenjati lilhom f'Seduta 373/376:

**Kurstein Sant**
Proġetti Kapitali
Sport u Attivita Fiżika
Saħħa fil-Komunita'

**Rodianne Haber**
Tfal u żagħżagħ
Edukazzjoni
Anzjani u Persuni b'Diżabilta'

**Alessia Psaila Zammit**
Ambjent

**Julian Borg**
Infrastruttura
Innovazzjoni

**Dominic Grech**
Ħarsien tal-Wirt Storiku u Kulturali
Inizzjattivi Kulturali fis-Siġġiewi
Fondi minn skemi lokali u tal-Unjoni Ewropeja

**Adrian Farrugia**
Indafa (żona urbana u rurali, lattrini pubbliċi u ġbir ta' skart)
Koordinazzjoni tal-Attivitijiet
Koordinament tal-Għaqdiet

**Francine Farrugia**
Ħarsien tad-drittijiet tal-Annimali
Qasam soċjali u Komunitajiet
Inizjattivi soċjali u Integrazzjoni

F'Seduta 395 tal-Kunsill, is-Sindku Dominic Grech propona tibdil fir-responsabiltajiet biex kull kunsillier ikollu l-possibilta' li jaħdem fl-ambjenti kollha għal ġid tal-lokalita'. Ir-responsabiltajiet il-ġodda ġew approvati fl-istess Seduta tat-3t'Awissu 2020, kif elenkati hawn taħt:

**Dominic Grech (Sindku)**
- Finanzi
- Fondi Ewropej
- Rapprezentant Kunsill tal-Kunsill Reġjonali

**Rodianne Haber (Viċi-Sindku)**
- Proġetti
- Iż-Zgħażagħ u t-tfal (Kunsill Lokali Tfal u z-Zgħazagħ)
- Il-Ħarsien tal-Annimali
- Anzjani
- 

**Kurstein Sant (Kunsillier)**
- L-Ambjent Urban
- Sport u Attiitajiet Fiżiċi
- Kultura u Patrimonju Storiku
- Turizmu

**Adrian Farrugia (Kunsillier)**
- Indafa u immaniġjar tal-iskart
- Infrastruttura, Immaniġjar tat-Traffiku u Sigurta' Lokali
- Rapprezentant GAL Majjistral

**Alessia Psaila Zammit (Minority Leader)**
- Qasam Soċjali
- Komunitajiet
- Integrazzjoni Soċjali

**Julian Borg (Kunsillier)**
- Ambjent Rurali;
- Innovazzjoni;
- Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar
- Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin

**Francine Farrugia (Kunsillier)**
- Edukazzjoni;
- Persuni b'Diżabilita'
- Aċċessibilta' u Ugwaljanza

(Rapporti tal-ħidma tal-Kunsilliera annessi ma' dan ir-rapport)

Din is-sena tlaqqgħu 17-il Seduta tal-Kunsill, fit-tmien Legislatura tal-Kunsill, minn Jannar sa Diċembru. L-attendenza tal-Kunsilliera għas-Seduti kienet hekk:

Seduti bejn Jannar u Diċembru 2020 – Seduti numru 384-401
Total 17

**Attendenza tal-Kunsilliera**

| | |
|---|---|
| Dr.Kurstein Sant | 13/17 |
| Dominic Grech | 14/17 |
| Rodianne Haber | 15/17 |
| Dr. Alessia Psalia Zammit | 15/17 |
| Julian Borg | 15/17 |
| Francine Farrugia | 17/17 |
| Adrian Farrugia | 17/17 |



## Ilmenti

"Kull lokalità għandu jkollha Kunsill Lokali li jkollu dawk il-funzjonijiet kollha li jingħataw lilu b'dan l-Att"

Il-Kunsill Lokali għandu l-obbligu jatwa l-funzjonijiet tiegħu kif tippermetti l-Liġi (Att dwar il-Gvern Lokali Kapitolu 363)

Tul is-sena ġew reġistrati mal-elf u ħames mitt ilment.
Il-maġġor parti tal-ilmenti jkunu imqassma hekk:

- servizz ta' ġbir ta' skart goff
- qtugħ ta' ħaxix u tindif fiż-żona rurali
- bozoz maqtugħa, shifting, talbiet għal bozoz ġodda
- ilment relatati ma' tabelli u sinjali tat-traffiku inkluż mirja
- tindif fiż-żona rurali, knis u ġbir ta' skart
- ilmenti ġenerali ta' kull tip ieħor




Il-Kunsill ressaq għall-approvazzjoni ta' transport Malta diversi rikjesti minn residenti. L-iktar rikjesti komuni jkunu dawk ta' double yellow lines fil-ġnub tal-garaxxijiet għal-liberu aċċess.

Barra dawn ikun hemm bosta ilmenti 'day to day' li jiġu solvuti dak il-ħin, fosthom nuqqas ta' ġbir ta' skart, u water leakages li jiġu rrapurtati dak il-ħin.

Filwaqt li l-Kunsill jagħmel l-għalmu tiegħu biex jipprovdi l-aħjar servizz possibbli, ikunu diversi ir-rikjesti li ma jaqgħux taħt ir-responsabbilta' ta' Kunsill Lokali u anka li ma jkunux jistgħu jitwettqu minħabba limitazzjonijiet ta' finanzi. Madankollu, il-Kunsill jagħmel il-pressjoni kollha neċessarja mal-awtoritjiet biex jikseb għajnuna kemm fuq xogħol u anka fuq finanzi għal ġid tar-residenti tal-lokal.

Nistgħu ngħidu li wara follow-up minn naħa tal-amministrazzjoni mal-awtoritajiet fosthom Enemalta, WSC, Pulizija il-maġġor parti tal-ilmenti jiġu riżolti.

L-amministrazzjoni tara wkoll li ir-residenti jkunu sodisfatti bis-servizzi offruti, u b'mod frekwenti isir kuntatt regolari għal feedback mir-resident kemm fejn jirrigwarda ġbir ta' skart goff u anka dwar ilment ta' dawl u oħrajn.

Ġie provdut ukoll servizz ta' tqassim tal-kontenituri tal-iskart lil kull residenza u anka tqassim ta' boroż tal-iskart organiku u anka tar-riċiklaġġ.

Is-sitwazzjoni attwali tal-pandemija ħolqot restrizzjonijiet għal diversi attivitajiet li normalment isiru fosthom il-korsijiet edukattivi li kellhom jiġu sospiżi. Minkejja dan il-Kunsill organizza kors ta' ECDL virtwali u anka 2 korsijiet ta' lifelong learning, wieħed tal-bizzilla, u ieħor tal-lingwa maltija għal barranin li sar virtwalment. Sar ukoll kors ta' parenting skills b'attendenza limitata. Huwa l-ħsieb tal-Kunsill li l-korsijiet edukattivi jerġgħu jieħdu spinta malli s-sitwazzjoni tiġi għan-normal.

## Allokazzjoni finanzjarja

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġie allokat mill-Gvern l-ammont ta' €860,950 għas-sena finanzjarja Jannar-Diċembru 2020.

Is-somma tinħadem fuq dawn il-kriterji:

- Tisbiħ u manutenzjoni ta' ġonna inkluż lattrini
- Manutenzjoni ta' toroq (tiswija u sinjali tat-traffiku)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq urbani)
- Manutenzjoni ta' toroq (knis u tindif ta' toroq rurali)
- Immaniġġjar ta' skart (ġbir ta' skart u bins-on-wheels)
- Immaniġġjar tal-iskart (tipping fees)
- Spejjez ta' amministrazzjoni

Id-dħul prinċipali tal-Kunsill jiġi mill-Gvern Ċentrali. L-ispiża maġġuri tal-fondi huma l-kuntratti ta' servizzi fosthom tindif u manutenzjoni. Jintefqu ħafna flus ukoll għal tiswija ta' diversi ħsarat u rimi illegali li jistgħu jintużaw għal proġetti ta' tisbiħ li jista' jgawdi kulħadd.

Il-kuntratti maġġuri huma dawn:

- Ġbir ta' skart domestiku
- Manutenzjoni ta' roundabouts u żoni pubbliċi
- Knis
- Tindif ta' żoni rurali
- Tindif ta' lattrini
- Ġbir ta' skart goff
- Manutenzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku
- Patching

Dħul ieħor sostanjali jiġi minn diversi skemi li jinħarġu kemm għal fondi tal-UE u oħrajn u li l-Kunsill japplika għalihom. Il-Kunsill jieħu dawn l-applikazzjonijiet b'serjeta' kbira biex ikun jista' jissottometti l-maġġor parti tal-applikazzjonijiet b'suċċess u allura jkollu iktar fondi għal proġetti u attivitajiet għall-ġid tal-lokal u tar-residenti.

Il-Kunsill ikollu dħul ukoll mill-permessi li jinħarġu rregolati minn L.S.441.04, permessi ta' makkinarju, skips, mwejjed u siġġijiet, posta/kiosks u attivitajiet oħra li jinħtieġu permessi mill-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill jirċievi ħlas mil-LESA ta' 10% tal-ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet li jitħallsu fl-Uffiċċju tas-Siġġiewi.

## Skemi

Il-Kunsill ibbenefika minn fondi mid-diversi skemi li joħorġu matul is-sena. Il-ħidma sfieqa tat ir-riżultati tagħha biex dawn l-iskemi ikunu konformi u jikkwalifikaw.

**Skema finanzjarja Lifelong Learning**
Minkejja li din is-sena il-korsijiet kienu limitati minħabba s-sitwazzjoni preżenti, il-Kunsill xorta ħaseb biex is-sala fejn isiru l-korsijiet tkun mgħammra adekwatament biex tospita l-istudenti. Għalhekk, twaħħal tagħmir ta' arja kundizjonata fis-sala prinċipali tal-Kunsill għal ammont totali ta' €2353.

**Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali mill-LESA**
Permezz ta' din l-iskema il-Kunsill ibbenefika minn total ta' €15,000 għal attivita' tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja (€3000) u appartat ġdid fl-outdoorgym (€12,000) kif ukoll manutenzjoni tal-magni eżistenti.
Saret ukoll talba lill SportMalta għal għajuna finanzjarja sabiex tinbidel it-trakka tal-ġiri fl-istess outdoor gym, fejn it-talba ġiet milqugħa u l-Kunsill ser jingħata għajuna ta' €10,000.

**Inizjattiva finanzjarja favur il-komunita' – Libreriji lokali u reġjonali**
Bl-għan li jibdew isiru diversi sezzjonijiet edukattivi, il-Kunsill investa f'apparat ta' screen kbir u projector biex 'il quddiem jintuża kemm mill-anzjani tad-day centre kif ukoll sezzjonijiet ta' storja, crafts u oħrajn, b'investiment ta' €3500.

Il-Kunsill Lokali bħal kull sena xtara numru ta' kotba għal kull eta' biex jiżdiedu mal-għaqla sabieħa u varjata ta' kotba disponibbli fil-librerija Patri Ġuże' Delia.

**Fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern**
Kienu diversi l-proġetti imwettqa mill-Gvern Ċentrali fil-lokal, fosthom il-bini ta' toroq bħal parti minn Triq Mons Mikiel Azzopardi, Triq Ta' Kilpa, u parti minn Triq Lapsi. Bħala parti minn dan l-iżvilupp, il-Kunsill ibbenefika minn €75,000 taħt din l-iskema għal tibdil tas-sinjali tat-traffiku, mirja, marki tat-traffiku, kif ukoll installazjoni ta' 2 VMS boards għas-sigurt' tas-sewwieqa.

**Fondi mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar**
Il-Kunsill ibbenefika wkoll minn fondi mill-Kunsill Reġjonali Nofsinhar, fosthom €1000 biex iżejjen it-toroq fi żmien il-Milied, €1000 għal xiri ta' laptop, €2000 għall-installazjoni ta' CCTVs fil-park ta' Għar Lapsi u €18,000 għal apparat tal-bandli fl-istess park.

**Programm Achievers**
Il-Kunsill ser jibbenefika ukoll minn €3000 fondi għal inizjattiva sportiva li twassal messaġġ pożittiv għal eżerċizzju fiżiku biex ibiegħed mill-vizzji. Dan il-programm hu maħsub li jitwettaq is-sena d-dieħla bl-involviment ta' aġenziji bħal Sedqa u l-għaqdiet sportivi Siġġiwin.

**Skema LC Care**
Il-Kunsill ser jibbenefika wkoll minn skema għal diversi inizjattivi favur l-annimali fosthom cat shelters, trattament mediċinali għal qtates, cctvs, żieda ta' dog litter bins u oħrajn b'finanzjament ta' madwar €10,000.

## Miżuri b'fondi tal-UE

Kompla linvestiment infrastrutturali bi proġetti b'fondi tal-Unjoni Ewropea għal titjib tat-toroq rurali biex titjib l-aċċessibilita' tal-bdiewa. Il-proġett taħt Miżura 4.3 baqa għaddej bi ftehim ma' Infrastructure Malta biex it-toroq jitlestew fl-ewwel xhur tas-sena 2021.
Dan il-proġett sar b'investiment totali ta' €878, 365 fejn ser ikun ingħata wiċċ ġdid lil 7 toroq: Triq ta' Bur it-Tokk, Triq Wied Costa, Triq Bur ix-Xewk, Triq tas-Sruġ, biċċa minn Triq il-Fawwara, Sqaq in-Nadur u Triq Ta' Bellu.

F'dawn it-toroq sar ukoll proġett estensiv ta' bdil ta' servizzi tal-ilma mill-WSC, li minnu ħa jgawdu r-residenti tas-Siġġiewi. Qed issir ukoll pressjoni mal-Awtoritjiet biex għal bidu tas-sena 2021 jibda ix-xogħol tant meħtieġ fil-kumplament tat-triq ta' Għar Lapsi, minn quddiem il-kappella tal-Providenza sad-dar tal-Providenza inkluż ukoll Trejqa tal-Providenza, u finalment jibgħata wiċċ ġdid.

Minkejja l-isfidi kollha li tqajna magħhom, wasal fi tmiemu wkoll il-proġett taħt Miżura 4.4 tal-bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Lapsi u Triq il-Bajjada b'investiment ta' €40,000, kif ukoll qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni il-kuntratt biex jibda x-xogħol ta' tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ taħt Miżura 4.4 oħra b'investiment ta' €170,000 liema xogħol għandu jibda għal nofs is-sena 2021.

## Miżuri b'fondi tal-UE taħt Gal Majjistral

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi isegwi kontinwament id-diversi Miżuri li joħorġu biex possibilment japplika u jakkwista fondi addizzjonali biex ikun f'pożizzjoni li jatwa iktar proġetti għal ġid tal-lokalita'.

Il-patrimonju tar-raħal hu proijorita' għal dan il-Kunsill u għalhekk ġiet sottomessa applikazzjoni taħt Miżura 1 biex tiġi restawrata fil-glorja tagħha l-istatwa ikonika ta' San Nikola fil-Pjazza tas-Siġġiewi. Dan il-proġett intagħżel b'suċċess u ġejna allokati is-somma ta' €40,000 għall attwar tal-proġett. Il-proċeduri inbdew u t-tender qiegħed fl-istadju ta' evalwar biex għas-sena 2021 jibda x-xogħol meħtieġ.

Qegħdin fi stadju wkoll biex nibdew ix-xogħolijiet ta' tisbiħ fil-wesgħa ta' quddiem il-Kappella ta' San Niklaw fi proġett ta' 'Green Infrastructure' biex jiġi preservat il-ġmiel u n-natura f'dan il-post filwat li jkompli jitgawda minn tant familji. Saru xi emendi fil-pjan oriġinali biex inżommu konformita' ma' kundizzjonijiet imposti minn heritage Malta. Fil-ġimgħat li ġejjin ser jiġi ppublikat it-tender għax-xogħolijiet. Il-finanzjemnt ta' dan il-proġett huwa ta' €60,000.

Il-Kunsill ibbenefika wkoll minn Miżura 2 b'xiri ta' apparat tad-dawl biex jintuża waqt l-attivitajiet tal-Kunsill fosthom il-Mixgħela, festa għeneb u Pjazza Milied b'finanzjament ta' €9,000.

## Korsijiet u attivitajiet fiċ-Ċentru Ċiviku

Sfortunatament, is-sitwazzjoni tal-pandemija waqqfitna milli nkomplu norganizzaw il-korsijiet varji li r-residenti kienu jattendu bi ħġarhom għalihom. Għamilna dan biex naderixxu mar-restrizzjonijiet, iżda xorta investejna biex 'il quddiem ikollna iktar faċilitajiet biex inkunu nistgħu norganizzaw tagħlim u sezzjonijiet varji fil-binja.

Ġiet installata arja kundizzjonata fis-sala ta' fuq għal iktar kumdita kemm fil-ġranet tas-sajf u anka l-ġranet kesħin tax-xitwa. Inxtara wkoll screen kbir b'teknoloġija moderna bl-iskop ukoll li jiġu introdotti sezzjonijiet ta' storja u kultura meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti.

F'Marzu ġie imniedi is-servizz Anzjanita' Attiva kull nhar ta' Tnejn fiċ-Ċentru Ċivikuk fejn b'kollaborazzjoni mad-dipartiment tal-Anzjani kien qed isir koordinament għal sezzjonijiet ta' interess ġenerali fuq ħafna suġġetti fosthom is-saħħa, il-kura personali, tisjir u ikel bnin, sbuħija, ġardinaġġ, ħjata u tant suġġetti oħra. L-anzjani li jattendu kellhom il-possibilta juri x'jafu u jgħallmu lill-oħrajn filwaqt li jorganizzaw diversi attivitajiet soċjali u kulturali. Sfortunatament dan is-servizz ukoll kellu jiġi sospiż minħabba r-restrizzjonijiet.

L-attivitajiet mill-anzjani li jattendu id-day centre ma waqfux, għalkemm xorta l-attendenza kienet ristretta. Komplew is-sezzjonijiet ta' żfin, eżerċizzju fiżiku, crafts, ktib ta' poeżiji u letteratura, attivitajiet tal-okkażjoni fosthom Milied, Għid, Jum l-Omm, San Valentinu u karnival. Din id-darba setgħu jużaw it-teknoloġija moderna tal-iscreen.

Organizzajna sezzjoni ta' informazzjoni pubblika għall-iskema taħt il-Gal Majjistral biex jiġu restawrati niċeċ, statwi u faċċati privati b'valur storiku. L-interess tal-pubbliku biex jirrestawra faċċata privata mhux biss jgħolli l-valur lill-privat iżda wkoll jagħti kontribut għall-estetika u l-patrimonju tat-toroq tagħna.

## Investiment f'attivitajiet kulturali, u soċjali

L-attivitajiet annwali kellhom jiġu sospiżi minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-Pandemija.

F'Marzu kienu bdew iċ-ċelebrazzjonijiet bħal f'kull sena, fejn saret attivita' ambjentali u tħawlu numru ta' siġar fiż-żona ta' Ta' Brija. Saret ukoll is-Serata kommemorattiva fejn ingħata l-Unur Onoreficenza Mertu Siġġiewi lil nies li taw kontribut lis-soċjeta' kemm fil-qasam reliġjuż, sportiv, jew soċjali. L-attivitajiet kellhom jiġu sospiżi peress li kienu ġew introdotti restrizzjonijiet mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Fl-1 ta' Mejju 2020, il-Kunsill ħaseb li jallegra ftit it-tfal tar-raħal billi organizza parata mat-toroq tas-Siġġiewi b'karattri maħbuba mit-tfal. Din l-attivita' ġiet organizzata grazzi għal bosta volontarji li offrew il-ħin tagħhom, għal ħwienet li taw ammont kbir ta' ħelu u kull min ippartecipa. Kienet okkazjoni li ġeit apprezzata u ħolqot tbissima f'dan iż-żmien diffiċli.

Minkejja s-sitwazzjoni, il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jixgħel is-Salib tal-Għolja fil-floodlighting biex tinħoloq atmosfera tal-Ġimgħa Mqaddsa u r-residenti setgħu igawdu ix-xena spettakolari mid-djar tagħhom.

Inxtegħlet ukoll is-siġra tal-Milied fi Pjazza San Nikola, filwaqt li iżżejnu diversi toroq fi żmien il-Milied biex tinħoloq atmosfera ta' festa.

## Għajnuna lill-għaqdiet lokali

Din is-sena saret ukoll preżentazzjoni liż-żewġ għaqdiet sportivi Siġġiwin, is-Siġġiewi F.C. u Siġġiewi Basketball Club bħala impenn li nsaħħu l-klabbs sportivi fir-raħal filwaqt li nippromwovu aktar l-isport u l-attivitajiet fiżiċi fil-lokal.
Il-Kunsill ta ukoll l-appoġġ tiegħu lill-għaqda Siġġiewi Rowing Club fl-attivita' b'risq id-dar tal-Providenza li saret f'Diċembru fiċ-Ċentru Ċiviku, kif ukoll lill-Għaqda tan-Nar fi spettaklu piroteknku li ttella bejn l-aħħar tas-sena u l-bidu tas-sena l-ġdida.

## Proġetti

### Infrastruttura

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi saħħaħ l-investiment infrastrutturali b'fondi tal-UE u fondi lokali għal titjib f'toroq rurali u residenzjali, flimkien ma' manutenzjoni kontinwa matul is-sena kollha ta' patching, bankini, mirja, tabelli u miżuri ta' sigurta'. Ingħata prijorita' għat-tiswija tat-toroq rurali għal iktar aċċessibilta' lill-bdiewa fejn ingħata wiċċ lil diversi toroq taħt Miżura 4.3 kif spjegat iktar 'il fuq kif ukoll b'koordinament mal-Ministeru tal-infrastruttura biex tranġaw numru ta' toroq oħra.

Qed jiġu identifikati numru ta' toroq oħra li hemm bżonn isir xogħol fihom biex issir il-pressjoni neċessarja u jitranġaw fil-futur qarib, inkluż numru ta' toroq fil-qalba tar-raħal, b'mod partikolari wara numru ta' xogħolijiet li saru reċentement għal servizzi ġodda.

### Ħidma b'risq il-patrimonju

Il-patrimonju tar-raħal tagħna hu tant għal qalbna u jingħata prijorita'. Apparti l-proġett ta' restawr tal-istatwa ta' San Nikola taħt Miżura 1 imsemmi iktar 'il fuq, il-Kunsill applika għal darb'oħra għal skema ta' restawr tal-faċċata tal-Kappella ta' Santa Marija ta' Ċwerra liema keppella għandha ħsarat estensivi fil-qoxra ta' barra.

Qegħdin insegwu mill-qrib l-istudju mill-Arċidjoċesi ta' Malta tal-ħsarat tal-Kappella tal-Lunzjata f'Ta' L-għolja fejn f'Mejju 2020 saru l-ewwel testijiet ta' sampling fl-ewwel fażi tal-istudju. Ġie installat apparat fejn qed isir iktar studju tal-blat u t-tieni faċi hija prevista għal kmieni fit-2021. Inkomplu nsegwu l-andament biex tiġi salvagwardjata din il-kappella. Qed isir ukoll investiment bejn il-Gvern Ċentrali u l-Awtoritajiet tal-Knisja għal tiswijiet tal-kappella tal-Lunzjata fil-Fawwara li għandha ħsarat konsiderevoli.

Ġie fi tmiemi wkoll ir-restawr ta' tlett monumenti mil l-artist Aaron Camilleri Cauchi. Dawn kienu il-monument ta' Patri Ġuże' Delia, ta' Karmenu Vassallo u ta' Pawlu Aquilina. Qed isir studju biex jiġi restawrat ukoll il-monument tat-tabib Nikola Zammit.

B'koordinament mal-Ministeru tax-Xogħlijiet reġa twaħħal il-kanċell taċ-ċimiterju ta' San Dawdar wara li dan ġie resatwrat kif ukoll tiswija tal-ħajt taċ-ċimiterju stess u tindif fuq ġewwa.

Proġett propost għax-xhur li ġejjin huwa ir-restawr tal-istatwi tal-passjoni li jinsabu mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja li jibdew minn monument ikoniku tar-'Ruħ' fit-tarf ta' Triq il-Fawwara għal ta' Kilpa. Bħalissa qed isir rapport dwar il-materjal ta' dawn l-istatwi, l-istat tagħhom u l-intervent li għandhom bżonn sabiex bhekk inkunu nistgħu noħorġu stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn.

Qed jitħejja wkoll rapport dwarmonumenti u niċeċ fis-Siġġiewi sabiex ikollna iktar dettalji u nkunu nistgħu inwettqau proġett ta' restawt biex jiġi priservat dan il-patrimonju lokali.

## Park f'Għar Lapsi

Fl-aħħar t'Awissu li għada ġie inawgurat b'mod uffiċjali l-Park Ġdid li jinsab qrib il-Bajja ta' Għar Lapsi, proġett li sar mill-Kunsill Lokali Siġġiewi b'kollaborazzjoni mall-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u r-Reġun tan- Nofsinhar.
Ix-xogħolijiet f'dan il-proġett kienu jinvolvi bini tastruttura ġdida għal dan il-Park, Badli ġodda, żona ta' rilassament, Barbeque Area u bini ta' latrina ġdida li nbniet flok dik antika li kien hemm fl-istess post.
L-għan ta' dan il-proġett kien sabiex il-poplu Siġġiewi kif ukoll dawk li jħobbu jiffrekwentaw il-Bajja ta' Għar Lapsi b'mod partikolari fix-xhur tas-Sajf ikollhom post fejn wieħed jistajmur u jqatta ftit ħin ta' kwalita' f'post li hu tant għal qalb is-Siġġiwin.
Kif tlesta dan il-proġett ġew immedjatament installati numru ta' CCTV cameras madwar dan is-sit ġdid li ġew iffinazjati mir-Reġjun tan-Nofsinhar sabiex nassiguraw aktar sigurta' u nevitaw każijiet ta' vandaliżmu.

## Proġett komunitarju fiż-żona ta' Ramija

Fl-aħħar t'Ottubru li għadda il-Kunsill Lokali Siġġiewi iffirma Memorandum of Understanding ma' The Malta Foundation for the Wellbeing of Society immexxija mill-President Emeritu ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca. Il-ftehim bejn iż-żewġ partijiet ifisser kollaborazzjoni bejn l-istess Fondazzjoni u l-Kunsill Lokali Siġġiewi f'porġett komunitarju li se jkun qed isir fiż-żona ta' Ramija Housing Estate fis-Siġġiewi.
Dan il-ftehim sar mal-Kunsill Lokali Siġġiewi u 5 lokalitajiet oħra bħala parti mill-Proġett Komunitarja. L-għan ta' dan il-porġett hu li joħloq komunita' inklussiva bil-parteċipazzjoni diretta tat-tfal fit-tfassil ta' dawn il-proġetti, li wieħed minnhom se jkun qed isir fis-Siġġiewi.
Il-proġett li se jsir fis-Siġġiewi se jkun qed isir f'kollaborazzjoni sħiħa bejn The Malta Foundation for the Well Being of Society, il-Kunsill Lokali Siġġiewi flimkien mal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastuttura u l-Proġetti Kapitali, il-Ministeru għall-Ambjent, it-tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u l-Ministeru għall-Edukazzjoni.
Ix-xogħolijiet fuq dan il-proġett se jibdew is-sena d-dieħla.

Sadattant, il-Kunsill għamel arranġament mal-awtoritajiet sabiex isir xogħol ta' tindif u sanitising tal-binjiet tal-Gvern fiż-żmien tal-pandemija, kif ukoll mal-Awtorita' tad-Djar biex isir xogħol ta' tiswija ta' ħsarat u manutenzjoni li hemm bżonn fiż-żona.

## Ambjent

Il-Kunsill wettaq b'diliġenza l-obbligu tiegħu tal-ġbir regolari tal-iskart domestiku kemm skart imħallat kif ukoll l-iskart riċiklabbli u organiku u skart goff. Tul is-sena irriżulta f'żieda sostanzjali tal-ammont ta' skart separat, b'hekk naqas l-iskart imħallat. Biex jagħti inċentiv lir-residenti, il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-GreenMT u Wasteserv qassam boroż għall-iskart organiku u għall-iskart riċiklabbli b'xejn lir-residenti. Il-Kunsill għen ukoll fit-tqassim ta' bins b'xejn biex ir-residenti jifirdu l-iskart f'darhom.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għaddej b'kampanja kontinwa għal ambjent aktar sostenibbli biex jitgawda mis-Siġġiwin u mhux biss. Bħala parti mix-xogħol ta' kuljum, permezz ta' kuntratti tas-servizzi li jiġu provduti għal ġbir ta' skart skond l-iskeda, il-Kunsill għaddej b'ħidma kontinwa ta' tindif miż-żona rurali, speċjalment ir-rimi illegali ta' skart goff fil-kampanja u anka ammont kbir ta' terrapien.

B'kollaborazzjoni mal-GreenMT żdiedu l-bins fi Triq Salvu Borg. B'kollaborazzjoni sħiħa mal-LESA, qed isir monitoraġġ mal-lokal biex jonħos l-abbuż ta' rimi llegali u jinħarġu s-sanzjonijiet lil min jikser il-liġi.

Il-Kunsill Lokali joffri servizz mingħajr ħlas għal ġbir ta' skart goff door-to-door. Għalkemm dan is-servizz jiġi offrut b'xejn lir-residenti, il-Kunsill iħallas €4.74 għal kull booking li jirċievi, bi spiża titali ta' kważi €30,000 bejn Jannar u Diċembru 2020. Għalkemm dan is-servizz huwa popolari ħafna mar-residenti u ħafna jagħmlu użu minnu, xorta għad haw problema enormi ta' rimi ta' skart illegali fil-kampanja. Dan l-abbuż jinvolvi lill-Kunsill ħafna xogħol u spejjeż żejda li jistgħu jintużaw f'affarijiet oħra.

Il-Kunsill joffri regolarment dawn is-servizzi ta' tindif:

- Knis tat-toroq urbani
- Tindif u qtugħ ta' ħaxix fiż-żona rurali
- Manutenzjoni u żamma tal-ġonna pubbliċi
- Manutenzjoni u tindif tal-lattrini pubbliċi
- Tindif extra tal-bajja ta' Għar Lapsi fis-Sajf

Din is-sena in-nefqa għal tindif taż-żona rurali kienet toqrob il-€50,000 għal tindif mill-kuntrattur tal-Kunsill. Minbarra dan, il-Kunsill isib kollaborazzjoni sħiħa mid-Dipartiment tat-Tindif għal tindif kontinwu speċjalment ġbir ta' terrapien li jintrema fil-kampanja u fil-widien.

Spiża ta' kważi €60,000 marret għal knis tat-toroq urbani kif ukoll għal ħasil tal-Pjazza u t-toroq tal-madwar għal ħabta ta' Ġunju (normalment wara l-festa). Dan jinkludi wkoll it-tbattil regolari tal-bins kollha tat-toroq kif ukoll tal-ħmieġ tal-klieb.

Matul din is-sena l-Kunsill żied ammont sostanzjali ta' siġar u arbuxelli fl-ispazji pubbliċi b'kollaborazzjoni kemm ma' insfrastructure Malta kif ukoll mad-Dipartiment tal-Ambjent. Il-manutenzjoni u tisqija kontinwa tal-ġonna u t-tindif tagħhom għal din is-sena swiet €28,000.

Tul is-sena, il-ġbir ta' skart imħallat (borża s-sewda) u l-iskart organiku (borża l-bajda) sewa lill-Kunsill total ta' €70,000, li €35,000 minnhom (il-ġbir tal-borża l-bajda) jiġi rifuż minn Wasteserv. Il-Kunsill ħallas ukoll €57,000 lil Wasteserv għal tipping fees.

Jekk nagħtu ħarsa għall-ammont ta' skart li inġabar mill-lokalita' tas-Siġġiewi matul is-sena 2020, naraw li inġabar:
1749,620 kg ta' skart imħallat (borża s-sewda)
603,973 kg ta' skart riċiklabbli (borża l-griża)
20,851 kg ta' skart riċiklabbli mill-Bring in site
18,500 kg ħġieġ mill-Bring in site u 170,420 kg ħġieġ mid-djar




## Kuntatt mar-residenti

Il-Kunsill qed juża diversi meżżi biex iżomm kuntatt kontinwu mar-residenti. Mezz effettiv hija l-paġna facebook li tiġi aġġornata kontinwament. Ir-residenti jużaw il-messaġġi privati fil-paġna facebook biex jgħaddu l-ilmenti tagħhom li jiġu segwiti u mwieġba. Is-seduta tal-Kunsill tiġi imxandra permezz tal-live streaming. Fil-ġimgħat li ġejjin ser tinħareġ newsletter biex ir-residenti jżommu ruħhom aġġornati dwar il-ħidma tal-Kunsill.

Ġew imsejħa laqgħat ta' konsultazzjoni mal-pubbliku speċifiċi fosthom l-arranġament tat-traffiku fi Triq it-tabib Nikola Zammit u żvilupp fi Triq Annabelle Vassallo.

Matul is-sena il-Kunsill ikollu diversi laqgħat mal-għaqdiet tal-lokal biex dawn jiġu involuti f' attivitajiet li jsiru matul is-sena.

## Proġetti tal-futur

Fost il-ħafna proġetti li inbdew jew li l-Kunsill diġa ħadem fuqhom din is-sena, bit-twettieq tagħhom fis-snin li ġejjin:

### Spazji miftuħa għal familja

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jimpenja ruħu biex ninvestu f'aktar proġetti ta' spazji miftuħa sabiex iċ-ċittadini u familji Siġġiwin ikollhom l-opportunita' li jgawdu aktar ħin ta' kwalita' mal-familjari tagħhom.

Proġett li qiegħed fi stadju preliminari huwa 'family park' li ħa jitrasforma Triq Salvu Borg Olivier minn post problematiku għal spazju miftuħ li jista' jitgawda mill-familji, park għal klieb u cat shelters u spazju edukattiv għat-tfal.

Proġett ieħor huwa 'reading garden' fuq biċċa art fi Triq Mons Mikiel Azzopardi biex ukoll tkun tista' titgawda mill-pubbliku.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi iwiegħed li jibqa għaddej b'ħidma kontinwa biex jaqdi l-funzjonijiet provduti lilu biex itejjeb il-ħajja tar-residenti Siġġiwin, u joħloq ambjent denju u xieraq għal-lokalita' aħjar.

### Proġett Night Shelter għall-Anzjani

Fl-aħħar żewġ leġiżlaturi l-Kunsill Lokali Siġġiewi kien qed jaħdem fuq proġett ta' Night Shelter għall-Anzjani fis-Siġġiewi. L-għan ta' dan il-proġett sa mill-bidu kien li joffri kenn għall-dawk l-anzjani sabiex fil-ħinijiet ta' filgħaxija u matul il-lejl ikunu jistgħu ikunu fil-kumpanija ta' anzjani oħra filwaqt li jkunu assistiti minn staff li jieħdu ħsieb it-tmexxija ta' dan iċ-ċentru.
Il-Kunsill Lokali matul is-sena l-ġdida mistenni jagħti bidu għat-twettiq ta' dan il-proġett li għandu joffri opportunita' tajba ħafna lil anzjani tagħna sabiex ikollhom post fejn jiltaqgħu flimkien u mħarsa minn ħaddiema professjonisti li se jkunu qed imexxu dan iċ-ċentru.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

## Investiment fl-Infrastruttura u t-toroq tagħna

Matul s-sena li ġejja l-Kunsill se jkun qed jiddiskuti mal-entitatjiet governattivi, prinċipalment Infrastrucute Malta u Transport Malta sabiex jiġu identifkati dawk it-toroq li waslu sabiex isiru mill-ġdid, b'mod partikolari dawk li jinsabu fil-qalba tar-raħal, b'mod partikolari wara numru ta' xogħolojiet li saru mill-kumpanija GO mis-Sajf li għadda l'hawn.
Dan l-investiment f'toroq ġodda jinkludi wkoll miżuri ta' sigurta' li jridu jiġu kkunsidrati sabiex inħarsu s-sigurta u s-saħħa tas-sewwieqa tagħna.
Intant s-sotto-Kumitat fi ħdan il-Kunsill Lokali Siġġiewi matul din is-sena se jkun qed ikompli jaħdem fuq numru ta' proposti sabiex intejjbu s-sigruta' fit-toroq tagħna, filwaqt li joħroġ bi proposti sabiex intejjbu l-immaniġjar tat-traffiku fis-Siġġiewi b'arranġament ġodda tat-traffiku intiżi sabiex jiffaċilitaw is-sewqan u l-flow tat-traffiku fis-Siġġiewi.

## Proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola

Il-kunsill qiegħed fi stadju ta' konsultazzjoni mal-istakeholders kollha involuti flimkien mal-komunita' Siġġiwija dwar proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola. Hu pjanat li għal nofs is-sena 2021 nagħtu bidu għal dan il-proġett tant rikjest mill-komunita' sabiex il-pjazza tingħata iktar potenzjal.

## Titjib fil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi

Matul is-sena li ġejja l-Kunsill Lokali Siġġiewi se jkun qed itejjeb il-mezzi ta' komunikazzjoni tiegħu mar-residenti u familji Siġġiwin sabiex il-messaġġ tagħna jkun aktar effettiv u jasal għand kulħadd.
Minn Diċembru ta' din is-sena l-Kunsill se jibda jqassam f'kull dar newsletter b'informazzjoni dwar il-ħdima mwettqa minn kull membru fi ħdan il-Kunsill Lokali tagħna u b'informazzjoni oħra utli.
Il-Kunsill se jkun qed jaħdem fuq website ġdida filwat li jsir immodernizzar tal-facebook page tal-Kunsill Lokali li peremzz tagħha nirċievu rispons ta' kuljum mir-residenti u familji Siġġiwin.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi iwiegħed li jkompli jmexxi b'governanza tajba l-fondi pubbliċi allokati lilu, biex jintefqu bl-iktar mod effettiv, effiċjenti u transperanti possibbli u biex jiżgura valur għall-flus. Jikkommetti li jwettaq ħidma kontinwa biex jaqdi l-funzjonijiet provduti lilu biex itejjeb il-ħajja tar-residenti Siġġiwin, u joħloq ambjent denju għal lokalita' aħjar, li jaħdem għall-benefiċċju tal-lokalita' b'mod ġenerali mingħajr diskriminazzjoni.

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grech
Sindku

Rapport imressaq u approvat mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi f'Seduta numru 406 tat-12 t'April 2021.

KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

Annessi

## Rapporti tal-Kunsilliera għal ħidma matul is-sena 2020

**Rapport ta' ħidma 2020- Rodianne Haber Viċi Sindku**

Bħala dekasteri nieħu ħsieb, l-anzjani, it-tfal u ż-żgħażagħ, il-proġetti, u l-ħarsien tal-annimali. Din is-sena kienet bil-wisq differenti mis-snin ta' qabel. Il-pandemija, ikolli ngħid, affettwat ħafna l-ħidma b' konsegwenza illi ħafna attivitajiet kellhom jitħassru, speċjalment dawk li kienu marbutin mal-anzjani, u li l-anzjani ta' kull sena kienu jkunu qed jistennewhom bi ħġarhom. Xorta waħda pruvajt insib mezz biex nibqa' kuntatt ma' dawn l-anzjani li qabel kienu ta' sikwit jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum iddedikat għalihom. Regolarment inċempilhom biex nara jekk għandhomx bżonn xi ħaġa, kif ukoll nagħmlu xi konverżazzjoni fit-tul bl-għan li nferraħom.

F'Novembru, bdejt norganizza ħarġiet kulturali, anke bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali nnifsu. Fl-ewwel ħarġa tagħna rħejnielha għall-Imdina. Il-postijiet qed ikunu limitati għal dawn il-ħarġiet għaliex nemmen li s-saħħa għandha dejjem tibqa' prijorità f'kull ħaġa li nagħmlu. Tkellimna dwar l-istorja antika u rikka tal-Imdina. Wara mixja qasira morna nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien biex inkomplu nsiru nafu aħjar lil xulxin. L-anzjani ħadu ħafna gost u inkuraġġewni nibqa' norganizza dawn il-ħarġiet.

Il-laqgħat mat-tfal u ż-żgħażagħ qed isiru kollha onlajn bis-saħħa ta' diversi pjattaformi li jippermettulna nkomplu nikkomunikaw flimkien, mingħajr ħafna xkiel. Bla dubju ta' xejn, ilkoll nippreferu niltaqgħu wiċċ imb wiċċ, għaliex il-kuntatt dirett jgħinna ħafna, imma għal darb'oħra kellna noqogħdu għal dak li jgħidilna l-virus. Bħala grupp irnexxielna nferrħu lil għadd ta' persuni b'diżabbiltà li bħalissa jgħixu fid-Dar tal-Providenza. Ħadna sehem fil-proġett Give Back Award imniedi minn Aġenzija Żgħażagħ. Pubblikament, nirringrazzja lill-Aġenzija talli emmnet fil-potenzjal tagħna. Flimkien ippreparajna għadd kbir ta' smoothies għar-residenti stess. Il-frott kollu li ntuża, ingħata minn għadd ta' negozji Siġġiwin, li volontarjament offrew li jagħtu l-għajnuna tagħhom, mingħajr ebda interessi. Attività oħra li organizzajt, din id-darba, speċifikament indirizzata għall-Kunsill tat-Tfal, kienet laqgħa mal-eks Ministru tal-Edukazzjoni, Owen Bonnici. Dakinhar it-tfal staqsewh għadd ta' mistoqsijiet interessanti, li kienu diġà ppreparaw minn qabel, f'uħud mil-laqgħat li kien ikollna bħala grupp. Dakinhar ingħaqdu magħna s-Sindku Dominic Grech u l-kunsillera Francine Farrugia. Iż-żgħażagħ u t-tfal għenuni ħafna biex inkun nista' ntella' l-bake sale b'risq l-annimali abbandunati. Dawn minn rajhom offrew l-għajnuna tagħhom fil-jiem tal-bake sale u saħansitra taw ukoll li ikel bħala donazzjoni. Kburija ngħid li din l-attività kienet suċċess kbir, anke għaliex bħalissa ninsabu f'pandemija, li xi ftit jew wisq, illimitat il-pubbliku inġenerali. L-ammont miġbur kien dak ta' 700 ewro.

Fuq nota oħra, proġett għal iktar ħarsien tal-annimali ġie aċċettat u b'hekk il-ħidma favur l-annimali tibqa' priorita'. Minn hawn hekk nħeġġeġ lil feeder's tal-qtates biex min għadu ma' irreġistrax mal-Kunsill bħala feeder jagħmel dan mill-iktar fiss possibli biex jkun jista' jsegwi iktar minħabba inizjattivi futuri.

Jien flimkien mas-Sindku Dominic Grech, qed nikkordinaw diversi proġetti fis-Siġġiewi. Bħalissa qed naħdmu biex ikollna proġett mill-isbaħ għall-familji kollha. Qed naħsbu wkoll biex nibnu dog park u cat hotel għall-annimali li jinsabu abbandunati fit-toroq tagħna.

Sar ħafna u għad baqagħlu jsir ħafna xogħol siewi b'rabta mal-qasam tal-ħarsien tal-annimali. F'għeluq snini tajt għotja ta' ikel lill-cat feeders tas-Siġġiewi. Il-bake sale li diġà rreferejt għalih ta spinta 'l quddiem 'il dan il-qasam, lokalment.

**Rapport ta' ħidma 2020 – mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit**

Matul l-2020 insistejt li l-Kunsill Lokali jibqa' jibni fuq proġetti li kienu preparati mill-leġislatura li għaddiet b'fondi allokati ta' madwar €1.2miljun.

Tlestew toroq rurali li bejn l-2017 u l-2019 tħabat għall-fondi tagħhom, biex titjieb l-infrastruttura għall-bdiewa Siġġiwin. Tlabt lis-Sindku attwali jaċċerta li jibqgħu għaddejjin proġetti mportanti bħar-restawr taż-żona tas-Salib tal-Għolja, ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza San Nikola, proġett ta' servizzi ta' Dementia Day Centre u Night Shelter għall-Anzjani fil-binja tal-Kunsill Lokali, Dog Park fi Triq Salvu Borg Olivier u użu effettiv ta' skemi ta' fondi Ewropej. Fl-ambjent u ppjannar bqajt nkun vuċi b'saħħitha favur ippjannar tajjeb, inkluż b'insistenza sabiex żviluppi massivi li jrid jagħmel il-Gvern jinkludu anke spazji miftuħa u pjanar li jixraq is-Siġġiewi.

Is-sena 2020 kienet waħda fejn ressaqt għad-diskussjoni diversi applikazzjonijiet tal-ippjannar li dwarhom il-Kunsill Lokali kellu jagħmel sottomissjonijiet sabiex jibqa' jiġi mħares l-ambjent u l-ippjannar tas-Siġġiewi.

Is-sena li għaddiet, bħala kunsilliera kellna nissieltu biex t-tmexxija ma ċċahadx lill-kunsilliera minn sehem bażiku li għandu jkollna.

Ressaqt mozzjonijiet u talbiet biex bħala kunsilliera nkunu nfurmati b'kull attivitá li ssir b'investiment tal-Kunsill Lokali u biex ilkoll ikollna aċċess għal ħin biex niltaqgħu mar-residenti. Dan wara li għal xi attivitajiet tal-Kunsill Lokali ma nħarġitx stedina għall-kunsilliera kollha u wara li t-tmexxija tal-Kunsill Lokali ppublikat skeda ta' ħinijiet biex l-kunsilliera jiltaqgħu mar-residenti, b'din l-iskeda ħalliet tlett kunsilliera barra. Quddiem dan, ħdimt sabiex il-Kunsill Lokali ma jkunx għodda partiġġjana f'idejn is-Sindku iżda Kunsill Lokali li jaħdem għal kulħadd l-istess.

Fil-ħidma tiegħi, wasalt ukoll appoġġ u messaġġ b'saħħtu favur l-għaqdiet meta kien hemm anke korrispondenza mill-Għaqda Kaċini tal-Banda fuq kwistjoni li tirrigwarda l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Ressaqt mozzjoni sabiex tingħata apoloġija meta sar kliem pubbliku dispreġġattiv mis-Sindku fil-konfront ta' residenti li ressqu lment. Dan sabiex ikun aċċertat li l-Kunsill Lokali jibqa' għodda li sservi u tmexxi l-komunitá u mhux jiġi ridott bħala għodda li tgħaqdi u jinqeda biha min ikun qed imexxi l-Kunsill Lokali. Ipparteċipajt fi proċess ta' għażla għall-impjegat ġdid tal-Kunsill Lokali u flimkien ma' xi kunsilliera elenkajna partijiet mill-proċess fejn nemmnu li l-proċedura ma kienitx korretta.

Fil-qasam soċjali u ambjentali ħdimt sabiex ikun aċċertat li żviluppi u servizzi soċjali fis-Siġġiewi ikunu dawk verament bżonnjużi għall-komunitá u li jsiru b'rispett lejn l-ambjent tas-Siġġiewi. Dan anke bi tfassil ta' sottomissjonijiet li saru mal-Awtoritá tal-Ippjannar.

**Rapport ta' ħidma 2020 – mill-Kunsillier il-Perit Julian Borg**

Kunsillier responsabbli mil-Infrastruttura u Innovazzjoni bejn Jannar 2020 u Lulju 2020;

Kunsillier responsabbli mil- Ambjent Rurali, Innovazzjoni, Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar, Ghar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin bejn Awissu 2020 u Dicembru 2020.

**Infrastruttura**

L-infrastruttura hija għal qalbi peress li tagħti ħajja lil lokalita u tagħti sens ta' transport lir-residenti jew kull min jiġi fil-lokalita' tagħna, kemm lil vetturi, vetturi kummerċjali, roti u nies bil-pass. L-esperjenza tiegħi bħala perit u b'esperjenza fil-qasam infrastrutturali nista ngħin lil kunsill lokali jieħu l-aħjar deċisjonijiet f'dan il-qasam. Kif wieħed jista jistenna ix-xogħol huwa mifrux ħafna u allura ix-xogħol relatat huwa dak ta' 'daily-bases' fejn flimkien mas-Sindku, Segretarju Eżekuttiv nieħdu numru ta' deċiżjonijiet u ngħaddu numru ta' suġġeriment lil TM u IM. Qiegħed naqsam dawn ix-xogħolijiet kif imniżżel hawn taħt:

1. Sottokumitat infrastruttura – Il-sottokumitat infrastruttura ġie imwaqqaf sabiex numru ta' professjonisti relatati mal-qasam infrastrutturali jkunu jista jikkontribwixxu lejn il-ġid tal-lokalita' tagħhom. Dan il-kumitat huwa magħmul minni bħala Perit, mis-Sindku tas-Siġġiewi, mil-Perit Matthew Briffa, Bjorn Bonello (Traffic Analysis Expert) u Charles Zammit (persuna b'esperjenza fil-liċenzjament tal-karozzi u sewwieqa u fis-sewqan speċjalizzat). F'dan il-grupp, li jiltaqa darba f'xahar, jiġu diskussi temi ta' traffic management, junction designs, parking solutions u safety measures.

2. Proposti ġodda/disinn – Matul dawn ix-xhur preżentajt numru ta' skemi magħmulin minni u bl-għajnuna ta' diversi esperti, sabiex itaffu u jtejbu l-immaniġjar ta' traffiku mil-lokalita'. Dawn l-iskemi, ġew preżentati lil TM u IM għal konsiderazzjoni tagħhom.

3. Reviewing ta' ilmenti u proposti min entitajiet differenti (inkluż permessi TM) – Flimkien mas-Sindku, kunsilliera u membri ta' istaff tal-kunsill nirċievu diversi ilmenti sabiex intejbu l-aċċessibilta' fil-lokalita' u skemi oħra ta' traffiku. Diversi ilmenti jiġu milqugħa u implementati mil-kunsill lokali filwaqt li diversi ilmenti jew suġġerimenti oħra jiġu mressqa quddiem TM għall-approvazzjoni, dejjem skond it-talba u l-każ.

4. Implimentazzjoni xogħolijiet kunsill – Il-kunsill lokali għandu rwol li jimplementa toroq, manutenzjoni tagħhom u sistemi ta' traffiku. F'dan il-perjodu kont responsabbli sabiex flimkien ma' membri oħra fil-kunsill lokali, nassigura li jiġu implementati proġetti infrastrutturali bl-aqwa mod possibli u l-aħjar kwalita. Fil-lokalita' tagħna kellna numru ta' toroq u sqaqin, magħmula min IM u l-WSC u allura ikkoordinajt mal-entitajiet rispettivi sabiex nħares l-interessi tar-residenti u tal-bdiewa tagħna fit-toroq rurali. Illi in oltre, ġew installati numru ta' small-measures u safety-measures, bħala mirja, reinstatement ta' tabelli u line-markings, parking markings u manutenzjoni ta' dik l-imsemmija street furniture.

**Innovazzjoni**

Dan id-dekasteru huwa ġdid bħala dekasteru responsabbilta' tal-kunsill lokali u allura m'huwiex kontinwita fuq dak li kien hemm f'leġislaturi oħra imma ibbażat fuq inizjattivi ġodda. Fil-bidu ta' din il-leġislatura, ħejjejt rapport intern fuq kif l-innovazzjoni tista tkun implimentata fi proġetti tal-kunsill jew inizjattivi simili.

1. Innovazzjoni fil-qasam tat-trasport u infrastruttura

Apparti id-diversi inizjattivi fir-rigward tal-infrastruttura, jien flimkien mas-sottokumitat infrastruttura u diversi membri mil-kunsill lokali, il-kunsill lokali applika ma' TM u ittieħdu il-fondi għal VMS (Variable Message Sign). Il-VMS huma tabelli LED li jindikaw l-veloċita real-time tal-vetturi għaddejjin mit-triq in kwistjoni. Fil-preżenti, dawn it-tabelli innovattivi, huma ordnati u ser ikunu installati l-ewwel darba fil-lokalita' tagħna.

Fl-istess waqt qed issir studji fuq disinn u market research għal belisha lights (zebra crossing) li jaħdmu permezz ta' solar panels u retrorefective road studs operati permezz ta' solar power. Din tkun ta' benefiċċju mil-aspett ta' enerġija u imsejħa bħala manutenzjoni innovattiva.

2. Innovazjoni fi proġetti soċjali

Proġett li bdiet ir-riċerka fuqu sabiex jiġi preżentat lil Kunsill Lokali huwa l-istallazjoni ta' bike racks f'diversi postijiet mal-lokalita'. L-idea finali hi li jkollna street furniture (bike racks, benches, eċċ) li jipproduċu enerġija rinovabbli u li jintużaw bħala street lightings u charging points għal aċċessorji USB connection. L-iskop ta' street furniture hu li nagħmlu użu aħjar u innovattiv mil-ispazji pubbliċi tagħna.

**Ambjent Rurali u Materji relatati mal-Awtorita' tal-Ippjanar;**

1. Manutenzjoni taż-żoni rurali permezz ta' xogħolijiet għal toroq u trejqiet ġodda. Xogħolijiet direttament mil-Kunsill Lokali Siġġiewi jew f'koordinazzjoni ma' entitajiet bħal IM, WSC, Enemalta, eċċ.
2. Għajnuna speċifika lil bdiewa u raħħala sabiex ikollhom aċċessibilta' aħjar għal għelieqi tagħhom. F'dawn ix-xhur tajt l-għajnuna tiegħi sabiex isiru applikazzjonijiet għal street lighting, secondary class water, reġistrazzjoni ta' boreholes u servizzi ta' l-ilma u dawl.
3. F'dawn ix-xhur assistejt lil Kunsill flimkien mal-perit tal-Kunsill Lokali f'numru ta' applikazzjonijiet preżentati quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar, liema applikazzjonijiet huma fil-konfini tas-Siġġiewi. Dawn l-applikazzjonijiet ivarjaw min dawk ta' xogħol zgħir (small to medium sized) u dawk ta' xogħol jew impatt sostanzjali fuq l-ambjent u fuq ir-residenti. Fost id-diversi representations li ħdimna fuqhom kien hemm żewġ applikazzjonijiet għal akkomodazzjoni soċjali, shooting range, extention u sanctioning ta' zoo, proġetti fiż-żona ta' Għar Lapsi, proġetti f'żoni ODZ relatati ma' stallazzjoni ta' pannelli solari u proġetti kummerċjali speċjalment dawk f'żoni barra mill-iżvilupp.
4. L-Awtorita' tal-Ippjanar tikkonsulta mal-Kunsill lokali dwar applikazzjonijiet PC (Planning Control) u cioe, applikazzjonijiet li jittrattaw bdil ta' linji tal-bini jew bdil ta' skemi ta' żvilupp. F'dawn l-aħħar xhur tajt ir-rakkomandazzjonijiet tiegħi lil Kunsill Lokali dwar din il-materja.

Għar Lapsi u Ħarsien tal-Widien Siġġiwin

1. Matul ix-xhur tas-sajf ġie inawgurat il-proġett tal-park ta' Lapsi b'sistemi sanitarji ġodda u b'żona miftuħa għal familji. Dan il-proġett beda fil-leġislatura preċedenti. F'istess waqt, b'għajnuna ta' diversi residenti kont qed insegwi il-ħtiġijiet taż-żona kemm għas-sajf u kemm bħala preparazzjoni għax-xhur tax-xitwa.

2. Transport pubbliku għaz-zona ta' Għar Lapsi – Fix-xhur tas-sajf assistejt lil diversi residenti sabiex tiġi kkomunikata l-iskeda tas-servizz għas-sajf u in oltre ikkomunikajt direttament ma' Transport Malta għal modifikazzjoni tal-iskeda sabiex is-servizz jiġi aktar aċċessibbli.

3. Flimkien mas-Sindku rajna li diversi żoni tal-widien fil-limiti tas-Siġġiewi jiġu mnaddfa kemm f'tindif ordinarju u dak straordinarju. It-tindif ordinarju issir mil-kuntrattur tal-kunsill u fondi tal-kunsill filwaqt li tindif straordinarju issir mil-ħaddiema tal-ministeru ċentrali. Sfortunatament ir-riżorsi tad-dipartiment tal-Valley Management huma limitati u allura ix-xogħol li jsir fil-lokalita' huwa ukoll limitat.

4. F'dawn l-aħħar xhur ipparteċipajt f'diskussjonijiet relatati mal- 'Master plan and technical guidelines for selected valley catchments in the Maltese Islands'. Dan il-master plan huwa ntiż li jsaħħaħ l-funzjonijiet tal-widien fil-madwar u jara li l-widien ikunu aċċessibli għal ilmijiet u mnaddfa. Is-Siġġiewi huwa sitwat fil-catchment magħruf bħala 'Il-Kbir Catchment'.

**Xogħol ieħor**

Waqt din is-sena ix-xogħol ma kienx limitat biss għad-dekasteri speċifiċi indikati hawn fuq imma għal numru ta' xogħolijiet oħra imniżżla hawn taħt:

- Attendenza għas-seduti;
- Attendenza għas-sotto-kumitati;
- Attendenza fil-kumitati ta' evalwazzjoni ta' quotations u tenders;
- Għajnuna lil kunsilliera oħra fid-dekasteri respettivi tagħhom;
- Preżenza fil-lokalita' waqt attivitajiet u laqgħat organizzati mil-għaqdiet u entitajiet kummerċjali f'isem il-kunsill lokali;
- Evalwazzjoni ta' permessi ta' TM u tal-Planning Authority flimkien mas-Sindku;
- Involut fil-kitba ta' appell u objections quddiem l-Awtorita ta' L-Ippjanar kif ikun hemm bżonn.

**Rapport ta' ħidma 2020 – mill-Kunsilliera Francine Farrugia**

Ħidma għal perjodu Jannar sa Ġunju 2020
Dekasteri :
Proġetti fil-Komunitajiet
Inizjattivi Soċjali u Integrazzjoni Soċjali
Ħarsien tad-Drittijiet tal-Annimali

**Attivitajiet**
Iż-żagħżugħ Nathan Borg kien wieħed mill-finalisti għall-Premju Żagħżugħ tas-Sena 2019 wara li ġie innominat għax-xogħol li jagħti lejn il-komunita' Siġġiwija. Dan sabiex tiġi imkattra aktar il-ħidma volontarja ġewwa l-komunita speċjalment fost iż-żgħażagħ ġewwa l-komunità tagħna.



**Promozzjoni online dwar il-ftuħ tal-AAC**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi, flimkien mal-Active Ageing and Community Care stiednu lir-residenti li għalqu is-60 sena, biex jipparteċipaw f'diversi attivitajiet interessanti (fosthom eżerċizzju fiżiku, talks fuq diversi suġġetti, lezzjonijiet ta' crafts, kultura, IT u ħafna iktar), għal nofs ta' nhar impenjattiv, kull nhar ta' Tnejn mid-9.00am, fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi.
Parteċipazzjoni waqt laqat formali:

**Porto-Portugal 15 sa 18 ta' Jannar,2020**
Flimkien ma' KNŻ Malta u TDM 2000 International kont parteċipi waqt diskussjonijiet li ifformulaw parti mill- proġett TRAIN: Tracing Integration Through Structured Dialogue bil-għan li titfassal policy ġdida fuq l- integrazzjoni kif ukoll prattiċitajiet ġodda flimkien ma' żgħażagħ u d-diffikultajiet li jsibu bi tibdil li qed jaffaċjaw minħabba it-tibdil ġewwa s-soċjetajiet inkluż il-lingwi mitkellma f'postijiet varji fosthom l-iskejjel.






Din l-istess diskussjoni se titkompla f'panal talk organizzata min KNŻ Malta flimkien ma' MEP's Maltin u rappreżentanti minn dan l-istess proġett bit-tema - "International Integration Project Meeting with Delegates".

***Din l-attivita' kella issir fl-20 ta'Marzu iżda minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ġiet posposta u se tiġi mogħtija data hekk kif ikun hemm direttivi pożittivi.***

***20 ta' Frar,2020***

Parteċipazzjoni b'diskussjoni waqt Roundtable organizzata mill- Malta Foundation for the Wellbeing of Society sabiex tiġi ikkomemorata l-Ġustizzja Soċjali madwar iddinja bit-tema:
*"Solidarity Not Stigma: Poverty relief as a right?"*



***29 ta'Frar,2020***

Waqt l-AGM tar-Reġjun tan-Nofsinhar fejn bħala kunsilliera b'responsabilità millIntegrazzjoni Soċjali kont parti mill-panel b'diskussjoni fuq l-impatt soċjali fil-lokal b'suġġerimenti varji kif bħala kunsilli nistaw nħallu opportunita' miftuħa lil kull resident.



***2 ta' Marzu,2020***

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum is-Siġġiewi, waqt special assembly fil-Kulleġġ San Injazju, is-Siġġiewi ġiet introdotta kompetizzjoni b'diskussjoni flimkien mas-Sindku u parti mid-dekasteru ta'Proġetti Komunitarji sabiex it-tfal Siġġiwin jesprimu ruħhom permezz tat-tpenġija li se tintuża biex jinħolqu tabelli ġodda u kreattivi madwar isSiġġiewi.

It-talba tat- tpenġija inizjallment kienet sa 27 ta' Marzu,2020 iżda minħabba li l-iskejjel għalqu sas-sena skolastika illi jmis, din il-kompetizzjoni se terġa' tinfetaħ fil-bidu ta'sena skolastika illi jmis sabiex kemm il-grupp tal-Arti li jitgħallem ġewwa iċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll kull student jew tfajjel ġewwa r-raħal ikollu opportunita' ugwali li jippartecipa u jkun ta' s-sehem tiegħu għall-komunita' Siġġiwija.



KUNSILL LOKALI
# IS-SIĠĠIEWI
Ċittà Ferdinand


F'dan il-mument diffiċli għall-Familja Pace, ħassejt illi fi dmiri bħala kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi nressaq il-proposta fis-seduta li jmiss sabiex napellaw lil kull min jista' jgħin lil din il-familja b'xi mod partikolari dawk il-kumpaniji kummerċjali li ġenwinament jistaw ikunu ta' għajnuna lejn din il-familja.

Għaldaqstant, qed nitlob sabiex tiġi kkunsidrata l-proposta tiegħi sabiex il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jiftaħ fond ta' emerġenza li permezz tiegħu jingabru donazzjonijiet li jmorru għall-Familja u l-bżonnijiet tagħhom f'dan il-mument kif ukoll inħallu lok illi jiġu ġabru bżonnijiet ta' neċessita lil din il- familja.

Filwaqt illi nappella għal-għajnuna ta' kulħadd, inselli għalik;

...

--

Responsabbli min:
Proġetti il-Komunitajiet
Inizjattivi Soċjali u Integrazzjoni Soċjali
Ħarsien tad-Drittijiet tal-Annimali

## *3 ta'Marzu,2020*

F'dan il-mument diffiċli għall-Familja Pace, ħassejt illi fi dmiri bħala kunsilliera fil-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi nressaq il-proposta fis-seduta datata 9 ta'Marzu,2020 sabiex napellaw lil kull min jista' jgħin lil din il-familja b'xi mod partikolari dawk il-kumpaniji kummerċjali li ġenwinament jistaw ikunu ta' għajnuna lejn din il-familja.

## *7 ta'Marzu,2020*

Fl-1 ta' Frar,2020 saru diskusjonijiet flimkien mas-Sindku Dr Kurstein Sant sabiex isir rinnovar fiż-żona Ta' Brija permezz ta' siġar kif ukoll bankijiet sabiex dawk illi jimxu f'din iż-żona ikollhom bankijiet li jistaw jiġu użati għal rikreazzjoni kif ukoll tisbieħ ta' listess żona. Fl-attivita' parti min attivitajiet varji relatati ma' Jum is-Siġġiewi ġew mistiedna misindku għaqdiet diversi ġewwa s-Siġġiewi sabiex ikunu parteċipi.





**Promozzjonijiet u FB Shares Online**

*The Youth Guarantee NEET Activation Scheme II offers participants aged 15-24 a training and work placement or continued education opportunity.*

You too can benefit from:
> 80-hour training programme
> 240 hours of work placement or vocational training at MCAST, ITS, GCHSS, GEM 16+ or other accredited institutions
> Free daily lunch
> Allowance of €1440 (80% obligatory attendance)
> Ongoing support (youth workers, employment advisors, job coaches, etc.)
Click here to apply today: www.edu.gov.mt/neets

***Edukazzjoni Jobsplus***

L-Employee Support Programme, fi ħdan il-People and Standards Division, huwa servizz ta' counselling u sapport għall-impjegati pubbliċi li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet fil-ħajja personali jew fuq ix-xogħol li jkunu qed jaffettwaw il-benesseri tagħhom. Is-servizzi li qed jiġu offruti għandhom firxa wiesgħa u jindirizzaw diffikultajiet bħal stress, nuqqas ta' saħħa mentali, problemi fir-relazzjonijiet jew fil-familja, sapport wara l-mewt ta' xi ħadd qribek, għajnuna f'abbuż ta' alkoħol u droga, appoġġ f'inċidenti kritiċi, kif ukoll diffikultajiet oħra.

**20 ta' Frar, 2020 - It's Social Justice Day! Let's give all kind of human rights to all human beings**



**Online promos COVID-19**












**Diskussjonijiet u pjanijiet:**

**Online promo:**

LyonsCare has launched the Award for Combating Loneliness and for the Promotion of Better Social Integration of Older Persons. The award aims to recognise individuals, groups and organisations who have demonstrated excellence in the following areas:
Personal & collective conscience in addressing loneliness and social isolation
Promotion of broader social integration amongst older persons
Engagement in concrete action to address loneliness amongst older persons in Maltese society.
https://www.lyonscare.com/lyonscare-award/

Diversi individwi jagħmlu użu mir-rota, mhux biss bħala sports iżda wkoll bħala mezz ta' trasport prinċipali. B'hekk qegħdin fil-proċess illi tintbagħat applikazzjoni formali sabiex jitwaħħlu bicycle stands madwar diversi żoni fdil-konfini tas-Siġġiewi sabiex niffaċilitaw il-ħajja ta' kuljum għar-residenti illi jagħmlu użu mir-rot. Kif ukoll inkompli inħeġġu aktar nies jutilizzaw dan il-mezz ta' traposrt sabiex innaqsu l-użu tal-karozzi u nippromwovu aktar l-isports speċjalment il-mixi ġewwa ċ-ċentru postijiet rikreazzjoni ġewwa s-Siġġiewi.

**Proġetti**

**-Komunita'**

Fil-bidu tas-sena ġiet sottomessa applikazzjoni tal-iskema ta' finanzjarja **Achievers** fejn l-għan wara din l-iskema hu li nrawmu lil kull ċittadini min eta' żgħira l-idea li quddiem kwalunke għawġ li jistgħu jiltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħhom, għandhom jibqgħu reżiljenti u ma jċedux għal vizzji koroh bħalma huma l-alkoħol u d-droga. Lapplikazzjoni approvata ġiet diskussa flimkien mas-sindku illi hu parti mid-dekasteru tal-isports. Dan bil-għan illi l-istess proġett jiffoka fuq sports u l-importanza illi min eta' żgħira jkunu parti minn għaqdiet. L-idea wara dan huwa illi meta wieħed ikun involut f'wieħed min dawn is-setturi ġewwa l-komunita, ikun il-bogħod min vizzji oħra li kapaċi ma jkunux proattivi għall-individwu jew għas-soċjeta'.

- Ħarsien tad-Drittijiet tal-Annimali

- Waqt ix-xahar ta' Marzu hekk kif jigi Ccelebrat Jum is –Siggiewi saret attvita ta' tberik tal-annimali fejn apparti dan l-istess tberik, saret promozzjoni ta' gharfien fuq tindif wara l-annimali billi tqassmu boroz biodegradable sabiex innadfu wara l-klieb taghna. Apparti min hekk saret ukol mixja fil-kampnaj abil-klieb fejn waqt din l–istess attivita' kien hemm ukoll diversi Assocjazzjoni tal-Annimali.
- Diversi diskussjonijiet mal-Entitajiet ikkoncernati u Animal Welfare sabiex il-Kunsill Lokali jinghata l-ghajnuna mehtiega abbazi ta' diversi stray cats li ghandu jsirilhom neutering
- Sar tahrig sabiex tingabar data ta' cat feeders tal-lokal sabiex dawn ikunu konformi u registrati bhala cat feeders tal-lokalita'
- Il-Ħarsien, kura u ospitalita' tal-annimali Siġġiwin

Illum il-ġurnata wieħed jifhem illi l-imħabba lejn l-annimali ma hijiex biss eżistenti biss ġewwa id-djar tagħna, iżda ħafna nies ikomplu jieħdu ħsieb l-annimali li jkunu qegħdin jgħixu fit-toroq tagħna. Wara stħarriġ u kif ukoll diskussjoni f'dan ir-rigward, għarafna illi ġewwa s-Siġġiewi hemm bosta persuni illi jħarsu lejn dan l-istess prinċipju fundamentali u allura jieħdu ħsieb diversi annimali li ma jkollhomx dar. Dawn il-persuni mhux biss joffru ikel ta' kuljum iżda wkoll joffru il-ħin u l-flus personali sabiex joffru kull kura meħtieġa lill dawn l-annimali. B'hekk l-iskop ta' dan il-proġett huwa li nagħtu l-

għajnuna neċċesarja lil cat feeders sabiex qtates f'kolonji jingħataw kull kura meħtieġa għand veterinarji fejn huwa neċessarju, nofru cat house fi żona ta' Għar Lapsi kif ukoll sorveljanza u providiment li jenfasizza fuq t-tindif speċjalment fejn hemm kolonji ta' qtates kemm f'żoni abitati kif ukoll dawk iż-żoni mhux urbani li jagħmlu mal-konfini tas-Siġġiewi. Inħossu wkoll in-neċessita sabiex il-residenti Siġġiwin kif ukoll dawk illi jifrekwentaw s-Siġġiewi jiġu mħarrġa sabiex iżommu nadif f'żoni fejn hemm kolonji ta' qtates kif ukoll f'żonii oħra fejn wieħed imur jippasiġġa bil-kelb. Għall dan l-għan ser isir provediment ta' bosta bins sabiex kulħadd ikollu lok fejn jista' jiddisponi mill-ħmieġ li jkun inġabar, jinbeda proġett pilota f'żona fejn hemm funtani biex il-klieb jixorbu, u dan il-proġett ser ikun qiegħed joffri boroż b'xejn f'dispenser apposta, kif ukoll noffru djar akkoljenti lill kolonja ta' Għar Lapsi kif ukoll inħarsu is-sigurta ta' 2 kolonji ta' qtates.

**Ħdima għal perijodu Lulju sa Dicembru 2020**

<u>**Dekasteri :**</u>
Inizjattivi Soċjali u Integrazzjoni Soċjali
Edukazzjoni

<u>**Inizjattivi Soċjali u Integrazzjoni Soċjali**</u>

- Bosta attivtiajiet gew ikkancellati minhabba sitwazzjoni ta' Covid-19 gewwa Malta allura dawn gew mizmuma sakemm is-sitwazzjoni prezenti tippermetti illi jsiru attivitajiet. Minflok saru kampanji online sabiex wiehed ifakkar diversi avvenimenti jew sabiex titqajjem kuxjenza fuq diversi binarji ta' inkluzjoni socjali.

Inizjattiva – Cycling and Clean Up Event 23 ta' Lulju,2020 b'kolloborazzjoni ma' <u>**South Cranks (S-CranX)**</u> bhala promozzjoni ghal cycling u kif ukoll tindif madwar is-Siggiewi u l-konfini ta mal-istess rahal.

<u>**Promozzjonijiet u FB Shares Online**</u>



















## Edukazzjoni

- Laqa mal-Ministru tal-Edukazzjoni Dott. O Bonnici flimkien mal-Kunsill Lokali Zghazagh tas-Siggiewi sabiex jitkattar l-gharfien edukattiv u involvement taz-zghazagh fis-settur volontarju
- Opportunita' għaż-żgħażagħ bejn it-13 u t-30 sena dabiex ikunu partecipi fil-progett "Youth Say"



- Diversi korsijiet gewwa c-Centru Civiku tas-Siggiewi:









Korsijiet tal-Lifelong Learning ghall-adulti, fic-Centru Civiku tas-Siggiewi kif ukoll ohrajn li ser isiru online. Minhabba s-sitwazzjoni prezenti l-korsijiet kellhom ikunu limitati hafna u b'certu restrizzjonijiet.

<u>Parteċipazzjoni waqt laqat formali:</u>




**<u>Workshop 1:</u>** Internationalisation and multiculturalism in Maltese society

**<u>Workshop 2</u>**: Migration and Education – Facing new challenges - Prof. Khalid Arar, Texas State University

**<u>Workshop 3:</u>** Migration and international mobility as challenges to school. Is intercultural education the answer? - Prof. Dr. Yasemin Karakaşoğlu, Director of the Unit for Intercultural Education, University of Bremen

**<u>Workshop 4:</u>** Effective international and multicultural practices in schools and society